**Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-Dinjiet Virtwali**

**Sessjoni 1**

mill-*24 ta' Frar 2023 sas-26 ta' Frar 2023*



Panel taċ-Ċittadini Ewropej

# Dinjiet virtwali

Semma' Leħnek

## 1. Ħarsa ġenerali

Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-Dinjiet Virtwali jikkonsisti minn 150 ċittadin magħżula b'mod aleatorju u jiltaqa' għal tliet sessjonijiet. L-ewwel sessjoni saret mill-24 sas-26 ta' Frar 2023 f'Brussell u din introduċiet it-tema kif ukoll il-kuntest tal-panel. Iċ-ċittadini saru jafu lil xulxin u bdew jesploraw it-tema permezz ta' eżerċizzju ffukat fuq l-esperjenza tagħhom tad-"diġitali". Imbagħad, huma bnew viżjoni ta' x'għandhom ikunu d-dinjiet virtwali mixtieqa u ġusti (utopja) u x'm'għandhomx ikunu (distopja). Iċ-ċittadini ġabru wkoll mistoqsijiet essenzjali li jippermettulhom jifhmu aħjar it-tema.

**<u>L-ewwel ġurnata (Il-Ġimgħa)</u>**

Peress li l-24 ta' Frar jikkommemora l-jum tal-ewwel sena mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, il-panel beda b'mument iddedikat lil 5 ċittadini mill-Ukrajna li qasmu l-esperjenza personali tagħhom tas-sena li għaddiet. L-introduzzjoni nfetħet uffiċjalment mill-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Dubravka Šuica.

Iċ-ċittadini mbagħad ġew milqugħa minn żewġ moderaturi ewlenin u minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea: id-Direttur Ġenerali għall-Komunikazzjoni Pia Ahrenkilde Hansen u d-Direttur tad-*Data* fid-DĠ għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija Yvo Volman li taw ħarsa ġenerali tal-qafas tal-panel. Biex iċ-ċittadini jitħejjew aktar għad-diskussjonijiet li segwew, wara ftit id-Deputat Kap tal-Unità, "Djalogu maċ-Ċittadini", il-Kummissjoni Ewropea, Gaëtane Ricard-Nihoul, introduċa l-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u dak leġiżlattiv. Wara dan, il-Kap tal-Unità, tad-DĠ għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, tal-Kummissjoni Ewropea, Rehana Schwinninger-Ladak, introduċiet it-tema ta' Dinjiet Virtwali f'aktar dettall.

Wara din il-plenarja komuni, nofs iċ-ċittadini żaru wirja fejn setgħu jitgħallmu aktar u jesperjenzaw eżempji konkreti kif ukoll jużaw każijiet tad-dinjiet virtwali. In-nofs l-ieħor irriflettew fuq l-aktar avvenimenti, memorji u aħbarijiet importanti konnessi mad-"diġitali" f'dawn l-aħħar 30 sena fil-ħajja personali tagħhom, iżda wkoll għas-soċjetajiet Ewropej b'mod ġenerali permezz ta' eżerċizzju, li fih fasslu kalendarju komuni. Persuni tar-riżorsi mid-dinja akkademja u mill-qasam tal-politika kienu preżenti biex jirreaġixxu għall-kalendarju u biex joffru ħarsa ġenerali mill-perspettiva tagħhom.

**<u>It-tieni ġurnata (Is-Sibt)</u>**

Is-Sibt, permezz tal-interpretazzjoni simultanja, iċ-ċittadini ħadmu ma' 12-il grupp ta' ħidma parallel, li kienu ffaċilitati minn faċilitaturi tal-esperjenza. Matul l-ewwel parti tal-ġurnata, id-diskussjonijiet fi gruppi ffukaw fuq l-esperjenzi tal-passat taċ-ċittadini b'rabta mad-dinja diġitali u virtwali. Iċ-ċittadini setgħu jiddiskutu l-perċezzjoni, il-biżgħat u t-tamiet dwar dan it-temi.

Wara l-waqfa għall-ikla ta' nofsinhar, iċ-ċittadini bdew jaħdmu fuq il-viżjonijiet tagħhom għall-futur tad-dinjiet virtwali. Biex jagħmlu dan, l-ewwel immaġinaw id-Dinjiet Virtwali Ewropej tal-2050 u l-impatti pożittivi u negattivi tagħhom fuq l-aspetti differenti tal-ħajja taċ-ċittadini. Fl-aħħar tal-ġurnata, huma ppreżentaw din il-viżjoni tad-Dinjiet Virtwali futuri, billi ħolqu żewġ collages li jirrappreżentaw il-viżjoni distopika u l-viżjoni utopika ta' dan il-futur.

**<u>It-tielet ġurnata (Il-Ħadd)</u>**

Il-Ħadd filgħodu, il-gruppi rriflettew fuq il-viżjoni tagħhom. Huma ddiskutew ukoll dwar liema għarfien ikunu jeħtieġu biex jiżviluppaw rakkomandazzjonijiet sodi għall-Kummissjoni Ewropea.

Wara waqfa għall-kafè, iċ-ċittadini kollha reġgħu lura fil-plenarja fejn 3 gruppi magħżula b'mod aleatorju ppreżentaw il-viżjoni tagħhom lil kulħadd. Imbagħad, grupp ta' atturi tal-kummiedja rreaġixxew dwar temi kbar diskussi miċ-ċittadini u l-membri tal-Kumitat tal-għarfien wieġbu għall-mistoqsija li saret miċ-ċittadini matul id-diskussjonijiet tas-sottogrupp. Il-kummenti finali u t-tislima ngħataw mill-moderaturi ewlenin.

## 2. Aġenda fil-qosor

| Il-Ġimgħa l-24 ta' Frar PLENARJA | |
|---|---|
| mis-02:30pm sat-03:00pm | Diskors ta' merħba mill-Viċi President għad-Demokrazija u d-Demografija, Dubravka Šuica.<br>Kommemorazzjoni tal-ewwel sena mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja |
| mit-03:00pm sat-03:30pm | Diskorsi introduttorji għall-Panel taċ-Ċittadini mid-:<br>Direttur Ġenerali għall-Komunikazzjoni, Pia Ahrenkilde Hansen<br>Direttur tad-*Data* fid-DĠ għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, Yvo Volman. |
| mit-03:30pm sal-04:00pm | Introduzzjoni għat-temi tal-Panel |
| mill-04:00pm sal-04:30pm | Waqfa għall-kafè |
| mill-04:30pm sas-07:00pm | Ħidma fil-plenarja (Gasperi) u wirja (Ċentru tal-Viżitaturi) b'mod parallel<br>Nofs il-parteċipanti jibqgħu fil-plenarja; in-nofs l-ieħor jgħaddu mill-wirja. Il-gruppi jaqilbu wara siegħa. |

| Is-Sibt il-25 ta' Frar GRUPPI TA' ĦIDMA | |
|---|---|
| mid-09:30am sal-11:00pm | Riflessjonijiet u qsim ta' esperjenzi |
| mill-11:00am sal-11:30am | Waqfa għall-kafè |
| mill-11:00am san-12:30pm | Dinjiet Virtwali: X'nafu |
| min-12:30pm sas-02:15pm | Waqfa għall-ikla ta' nofsinhar |
| mis-02:15pm sal-03:45pm | Żvilupp ta' viżjonijiet |
| mill-03:45pm sal-04:15pm | Waqfa għall-kafè |
| mill-04:30pm sas-06:00pm | Żvilupp ta' viżjonijiet |

| Il-Ħadd is-26 ta' Frar PLENARJA | |
|---|---|
| mid-09:15am sal-10:15am | Gruppi ta' ħidma: ġbir ta' mistoqsijiet |
| mill-10:15am sal-11:15am | Waqfa għall-kafè u trasferiment tal-gruppi kollha lejn Charlemagne |
| mill-11:15am sal-11:45am | Plenarja: Preżentazzjoni tal-viżjonijiet mill-gruppi |
| mill-11:45am sas-13:15pm | Plenarja: Diskussjoni madwar mejda u Teatru |

| | |
|---|---|
| mis-13:15pm sas-13:45pm | Preżentazzjoni u rendikont tal-pjattaforma Hyperfair |

## 3. Lista tal-persuni r-riżorsi involuti

Matul l-ewwel sessjoni, ipparteċipaw il-kelliema li ġejjin:

### Il-Kummissjoni Ewropea:

1. **Gaëtane Ricard-Nihoul**, id-Deputat Kap tal-Unità, "Djalogu maċ-Ċittadini", il-Kummissjoni Ewropea
2. **Rehana SCHWINNINGER-LADAK**, id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija, tal-Kummissjoni Ewropea, il-Lussemburgu

### Esterna:

1. **Fabien BÉNÉTOU**, l-Espert Indipendenti tal-WebXR, il-Belġju
2. **Cathrine HASSE**, mill-Università ta' Aarhus, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni, id-Danimarka
3. **Cathrine HASSE**, mil-Università ta' Hamburg, id-Dipartiment tal-Informatika, il-Ġermanja
4. **Mariëtte VAN HUIJSTEE**, mil-Istitut Rathenau, in-Netherlands
5. **Sara Lisa VOGL**, artista tar-Realtà Virtwali, in-Nisa fit-Teknoloġiji Immersivi fl-Ewropa, id-Danimarka

## Anness

- Anness 1: Ritratti tal-viżjoni